# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

**Illum, 6 ta' Marzu, 2001.**

**Kawza Nru. 5.**

**Citazz. Nru. 1407/00 JRM**

**BANK of VALLETTA p.l.c.**

**vs**

**MIXER LIMITED u MIXER CONCRETE WORKS LIMITED.**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att tac-Citazzjoni ppresentat fis-7 ta' Lulju, 2000, li bih il-Bank attur ippremetta:

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti in atti Nutar Dottor Antoine Agius datati 9 ta' Settembru 1998 (Dok "A" u Dok "B") is-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Loan u Overdraft Facilities" lill-konvenuta socjeta' Mixer Limited;

Illi l-attrici tinsab kreditrici tal-konvenuta socjeta' Mixer Limited fis-somma ta' disa' mija u tmienja u hamsin elf, seba' mija u hamsa u ghoxrin liri maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm958,725.93) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Mixer Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C" u Dok "D") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti in atti Nutar Dottor Antoine Agius datati 9 ta' Settembru 1998 (Dok "A" u Dok "B") il-konvenuta socjeta' Mixer Concrete Works Limited iggarantiet flimkien u "in solidum" ma' Mixer Limited, ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti tal-istess Mixer Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 20 ta' Marzu 2000 li kopja taghhom qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "E" u Dok "F", sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lil Mixer Limited u lil Mixer Concrete Works Limited jhallsu lis-socjeta' attrici flimkien u "in solidum" bejniethom is-somma ta' disa' mija u tmienja u hamsin elf, seba' mija u hamsa u ghoxrin liri maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm958,725.93) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Mixer Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C" u Dok "D") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 20 ta' Marzu 2000 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigu prezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xiehda tal-istess Bank attur, flimkien mas-sitt (6) dokumenti mehmuza maghha;

Rat in-Nota tal-20 ta' Settembru, 2000, li biha s-Socjeta' imharrka Mixer Concrete Works Limited eccepiet, preliminarjament, l-irritwalita' u konsegwentement in-nullita' tac-Citazzjoni attrici stante li ma tistax issir kundanna taghha ghall-hlas tal-ammonti pretizi mill-Bank attur minghajr ma qabel tigi dikjarata debitrici tal-Bank attur; bla pregudizzju ghas-suespost, li l-ammonti pretizi minghand l-eccipjenti qed jigu kontetstati; u fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, li l-eccipjenti bhala garanti tas-self m'ghandhiex tkun ikkundannata thallas id-debitu tas-socjeta' Mixer Limited u m'ghandhiex issofri spejjez kemm-il darba l-istess socjeta' thallas hi d-debitu li jirrisulta; salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-xiehda tal- imsemmija socjeta' konvenuta (pagni 39 u 40 tal-process);

Rat in-Nota tal-20 ta' Settembru, 2000, li biha s-Socjeta' imharrka Mixer Limited eccepiet, preliminarjament, l- irritwalita' tal-azzjoni attrici kif impostata stante li l-Qorti ma tistax tikkundannaha thallas l-ammonti mitluba minghajr dikjarazzjoni precedenti li hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammonti indikati minnha; li, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammonti pretizi minghand l-eccipjenti m'humiex korretti u qeghdin jigu kontestati; salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-xiehda tas-Socjeta' imharrka (pagna 42 tal-process);

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-avukat tal-Bank attur jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjetajiet imharrkin waqt is-smiegh fl-24 t'Ottubru, 2000, f'liema jum il-kawza thalliet ghall-provvediment dwar dik l-eccezzjoni ghall-finijiet tal-artikolu 730 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

## *Ikkunsidrat:*

Illi l-kazijiet li fihom l-eccezzjoni tan-nullita' ta' atti gudizzjarji jistghu jinghataw huma dawk imsemmija fis-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-erba' (4) cirkostanzi msemmija f'dak l-artikolu huma tassattivi, fis-sens li biex dik l-eccezzjoni ta' nullita' ta' att gudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa' taht il-parametri ta' xi wahda mill-imsemmija cirkostanzi;

Illi, minbarra dan, bis-sahha tal-bidliet li saru fil-ligi bl-Att XXIV tal-1995, l-eccezzjoni ma tirnexxix lanqas (fejn mhix imsejsa fuq il-hrug tal-att gudizzjarju minn qorti li mhix kompetenti) jekk in-nuqqas jew ksur ikunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi. Tifsira tajba ta' din id-disposizzjoni, flimkien ma' l-isfond li fih il-legislatur wera li ried iqeghdha, hija moghtija f'sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-**28 ta' Jannar, 1998**, fil-kawza fl-ismijiet <u>*Salvino Busuttil et vs Agostino Baldacchino*</u> [Kollez. Vol. **LXXXII.ii.30**];

Illi, f'dan il-kaz, il-ligi qeghda taghmel riferenza ghall-bidliet illi jistghu jsiru f'att gudizzjarju bis-sahha tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12, ukoll kif mibdul fl-1995;

Illi ghalkemm il-konvenuti ma wrewx taht liema sub-inciz tal-artikolu 789 qeghdin iressqu din l-eccezzjoni taghhom, huma qed isemmu l-irritwalita' tal-Att tac-Citazzjoni, billi jishqu li ma tistax

tintalab il-kundanna ta' xihadd ghall-hlas ta' flus jekk kemm-il-darba ma jigix dikjarat minn qabel ghal liema raguni qeghda ssir kundanna bhal dik;

Illi, minn esami ta' kif inhu mfassal l-att tac-Citazzjoni, din l-eccezzjoni jidher li hija msejsa fuq il-paragrafu (d) tas-sub-inciz (1) tal-artikolu 789 tal-Kap 12, marbut ma' dak li jipprovdi l-artikolu 156 (1)(a) tal-istess Kodici, jigifieri li n-nullita' pretiza mis-socjetajiet imharrkin hija mnissla minhabba nuqqas ta' harsien ta' sekwenza logika bejn il-premessi u t-talbiet;

Illi, kif inghad f'ghadd ta' decizjonijiet tal-Qrati taghna, id-distinzjoni bejn nullita' mtella' taht il-paragrafu © u dik taht il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f'tat tieni, l-att gudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarita' essenzjali mehtiega mil-ligi, u mhux "semplici" ksur tal-forma preskritta [ara. per ezempju, PACS tal-**4 ta' Novembru, 1988** fil-kawza fl-ismijiet *Carmelo Galea a vs Pawlu Cuschieri*];

Illi l-ligi tippreskrivi, fost l-ohrajn, li c-Citazzjoni ghandu jkun fiha tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba [art. 156 (1)(a) tal-Kap 12]. Marbut ma' dan ir-rekwizit, hemm il-principju li l-parti mharrka trid tinghata l-fakolta' li tkun tista' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta' min iharrikha;

Illi proprju dwar din id-disposizzjoni, wiehed isib ghadd ta' decizjonijiet tal-Qrati taghna li jfissru l-limiti taghha fid-dawl tan-nullita' tal-Att tac-Citrazzjoni minhabba n-nuqqas ta' harsien tal-ligi. Hafna minn dawn id-decizjonijiet inghataw minhabba li jkun gie allegat li t-talba kienet incerta, x'aktarx sintesi ta' jeddijiet li kull wiehed minnhom jaghti lok ghal azzjoni distinta u separata. Ghal xi zmien, il-forma tal-att gudizzjarju kienet issaltan, imma, biz-zmien u b'interventi tal-legislatur, issawret it-tejorija maghrufa bhala tal-ekwipollenti li nisslet il-principju li m'hijiex mehtiega ebda ghamla espressa ghall-proposizzjoni tal-azzjoni [ara, per ezempju, PAEM tad-**9 ta' Marzu, 1965** fil-kawza fl-ismijiet

*Marianna Muscat nomine vs Avukat Dottor Joseph Cassar et nomine* Kollez. Vol. **XLIX.ii. 809** u l-gurisprudenza hemm imsemmija];

Illi, ghalhekk, Citazzjoni m'ghandhiex tigi mwaqqa' ghajr ghal ragunijiet gravi [ara Appell Civili tal-**20 ta' Frar, 1935**, fil-kawza flismijiet *Rosario Merola pro. et noe. vs Salvatore Caruso* Kollez. Vol. **XXIX.i.106**]. Kif inghad ukoll li jekk in-nullita' invokata mill-imharrek ma tkunx wahda li hija dikjarata espressament mil-ligi, trid tkun wahda necessarja ghaliex tkun holqitlu pregudizzju li ma jistax jissewwa mod iehor, u dan jixhed li n-nullita' tal-atti gudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi imposta biss meta n-nuqqas - kemm jekk formali jew inkella sostanzjali - ma jkun jista jigi fil-fatt tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' haqq naturali [ara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-**21 ta' Frar, 1997** fil-kawza fl- ismijiet *Alfred u Mary konjugi Vella vs Agostino Camilleri* u l-gurisprudenza hemm imsemmija];

Illi, biex Citazzjoni jista' jinghad li ghandha kawzali cara bizzejjed jehtieg li jirrisulta rapport ta' rabta ragonevoli bejn il-premessi u t-talba nnifisha mmirata lejn il-persuna mharrka. Jekk in-nuqqas ta' kjarezza jkun ta' ghamla u kwalita' tali li jcahhad b'mod serju lill-konvenut mid-difiza tieghu, ic-Citazzjoni ghandha tigi mwaqqa' [ara Appell Civili tat-**22 ta' Mejju, 1967**, fil-kawza fl-ismijiet *Emma Scicluna vs Mary Xuereb et*. (Kollez. Vol. **LI.i.299**)];

Illi nghad ukoll li fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni ghall-ahhar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati ghandhom iqisu b'cirkospezzjoni eccezzjoni ta' nullita' ta' att gudizzjarju. Biex Att ta' Citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita' huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta' min harrikha [ara PACC tal-**14 ta' Frar, 1967** fil-kawza fl-ismijiet *Joseph G. Coleiro vs Tabin Joseph Ellul* (Kollez. Vol. **LI.ii.779**)];

Illi, madankollu, irid jinghad ukoll li l-elementi li l-ligi timponi bhala essenzjali fl-att tac-Citazzjoni ghandhom jirrisultaw mill-istess att u mhux minn xi kjarifika li tista' ssir dwarhom matul it-

trattazzjoni tal-kawza. Dan jinghad ghaliex il-konvenut, notifikat bic-Citazzjoni, ghandu jkun imqieghed f'posizzjoni li jkun jista' jiddefendi ruhu kontra t-talbiet tal-attur kif imfissra fil-premessi ghalihom. Dan hu principju ewlieni li janima d-dritt ta' kull persuna ghal smiegh xieraq u gust [ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-**30 ta' Marzu, 1998**, fil-kawza fl-ismijiet *Raymond Bezzina vs Anthony Galea*];

Illi, ghalhekk, huwa xieraq li wiehed iqis il-mod kif inhija mfassla l-azzjoni attrici f'din il-kawza. Dan qieghed isir minghajr ma wiehed jidhol f'evalwazzjoni tal-atti fil-mertu, liema stadju tal-kawza ghadu ma bediex. It-tieni premessa taghmilha cara li l-Bank attur qieghed iqis lilu nnifsu kreditur tal-kumpanniji mharrkin fl-ammont hemm imsemmi. Din il-premessa ssegwi dik ta' qabilha u tintrabat ma' ta' wrajha, minhabba li l-atti li bihom inholqot irrabta kuntrattwali ta' mutwu bejn l-istess Bank attur u l-imharrkin, jistabilixxu li dawn kienu debituri tal-Bank, wahda b'mod principali, u l- ohra bhala garanti solidali taghha;

Illi l-imsemmija zewg atti (jew ahjar, kopji fotostatici awtentikati taghhom) gew esebiti mal-att tac-Citazzjoni nnifsu (ara Dok "A" u "B" f'pagni 11 sa 22 tal-process), flimkien ma' kopja legali ta' zewg (2) ittri ufficjali li bihom il-konvenuti gew murija bhala debituri u mitluba jersqu ghall-hlas (ara Dok "E" u "F" f'pagni 3 sa 8 tal-process);

Illi, ghal dak li jirrigwarda l-imsemmija atti gudizzjarji, dawn huma prova ta' dak li jkun fihom u m'hi mehtiega l-ebda prova tal-awtenticita' taghhom (art. 627 (e) tal-Kap 12). L-istess jista' jinghad ghaz-zewg atti nutarili li ssemmew aktar 'il fuq (art. 629 © tal-Kap 12);

Il-Qorti tifhem li jekk it-talba attrici ghandha tigi mgharbla kif imiss, din trid issir strettament fid-dawl ta' dak li jinghad fil-premsssi. Issa, peress li, skond il-Bank attur, il-qaghda tas-socjetajiet imharrkin bhala debituri tieghu tirrisulta "ghar-

ragunijiet fuq imsemmija” (jigifieri fil-premsssi), it-talba ghall-kundanna taghhom ghall-hlas tippresupponi s-sejbien ghas-sudisfazzjon tal-Qorti tal-validita’ ta’ tali premessi. Kieku ma jkunx hekk, taqa’ kull basi li fuqha t-talba tista’ tintlaqa’. Bilkemm ghandu ghalfejn jinghad ukoll li f’att ta’ Citazzjoni, mhux kull premessa li hija ppruvata, jew mhux kontestata, jehtieg li jkun hemm provvediment specifiku dwarha fis-sentenza;

Ghal dawn ir-ragunijiet, ghalhekk, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi:

Billi **tichad l-eccezzjoni ta’ nullita’ tal-Att tac-Citazzjoni mtella’ mill-konvenuti**, u dan ghaliex l-irritwalita’ invokata minnhom ma jitqiesx li tesisti u billi l-azzjoni kif imressqa ma zzommhomx milli jressqu l-kontestazzjonijiet li jidhrilhom bla hsara ghalihom, u tordna ghalhekk li l-kawza tissokta tinstama’ fil-mertu.

L-ispejjez ta’ dan l-episodju ghandhom jigu determinati meta l-kawza tinqata’ fil-mertu.

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**6 ta’ Marzu, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**6 ta’ Marzu, 2001.**

*6 ta' Marzu, 2001.*